ŻURRIEQ

# Kunsill Lokali Żurrieq

## Rapport Annwali Amministrattiv
## Għat-tieni sena tal-leġislatura
## tat-tmien Kunsill Lokali

## Jannar, 2018 - Diċembru, 2018

***Tema: Inkattaru l-Impenn tagħna għal Żurrieq Aħjar***

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l-ħidma tal-Kunsill | 3 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 10 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 11 |
| Ir-Rapport tal-Awdituri Lokali u l-Istqarrijiet Finanzjarji | 16 |

## 1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku

Din kienet ir-raba' sena tat-tmien leġislatura li kompliet ma dak li kien qed isir fit-tliet snin li għaddew ta' din il-leġislatura..

Il-Kunsill kompla jinvesti l-maġġor parti tal-fondi tiegħu fuq manutenzjoni tat-toroq. Sar patching madwar iż-Żurrieq kollu, għalkemm l-ispiża ta' din is-sena tnaqqset minħabba li fis-sena li għaddiet saru diversi toroq b'wiċċ ġdid.

Irridu naraw ukoll li l-wegħdi li għamilna jitwettqu sa tmiem il-leġislatura.

Komplejna nenfasizzaw mal-Gvern, biex titwessa Vjal ix-Xarolla u jsir wiċċ lil Triq Ħal Far u filfatt it-talbiet ġew milqgħuha u Vjal ix-Xarolla tlestiet kompletament filwaqt li għadu qed isir ix-xogħol fi Triq Ħal Far.

S'issa wettaqna kollox mingħajr il-bżonn li nirrikoru għal self mill-banek u mingħajr il-Kunsill m'għamel deficit.

Wettaqna xogħlijiet f'kull responsabilita li tagħtina l-liġi u wettaqna ħidma soċjali.

Irrid intemm din l-introduzzjoni billi nirringrazzja lil Viċi Sindku u l-Kunsilliera kollha, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tiegħu għal ħidma bla waqfien sabiex dan ix-xogħol kollu seta jsir rejalta. Inħarsu 'l quddiem biex inkomplu din il-leġislaturia b'mod pożittiv.

Ignatius Farrugia
Sindku
Diċembru 2018

## 2.1 Il-Kunsill

Din il-leġislatura bdiet f'April 2015.
Kull Kunsillier għandu r-responsabilita ta' sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilha bl-Att XV ta'l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexija mis-Segretarju Eżekuttiv li għalkemm hu ntitolat li jkollu erbgħa uffiċjali jassistuh, tnejn minnhom jaħdmu fuq bażi ta' reduced hours. Il-Kunsill Lokali żamm jaħdmu żewġ ħaddiema tal-IPSL u ħaddiem wieħed mill-Community Working Scheme. Minn barra dawn il-Kunsill għandu numru ieħor ta' esperti bħal perit, konsulenti u contract managers fost l-oħrajn. Fi ħdan il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq hemm inkorporat Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li f'din is-sena kompla fit-tielet leġislatura tiegħu.

Il-Kunsillieri flimkien mal-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill huma:

Ignatius Farrugia – Amministrazzjoni, Finanzi, proġetti kapitali, anzjani u media.

Vici Sindku Rita Grima – Saħħa, Servizzi Soċjali, Persuni b'diżabilita', familji, Dar Mattia Preti (proġett LEAP)

Kunsillier Dr Jean Pierre Attard – Liġi, fondi u proġetti tal-EU u MEPA

Kunsillier Tiffany Farrugia – Edukazzjoni u IT

Kunsillier Joseph D'Amato – Infrastruttura, kultura u turiżmu.

Kunsillier Pierre Farrugia – Attivitajiet prinċipali, street lighting

Kunsillier Kenneth Farrugia – Indafa pubblika u drittijiet tal-annimali

Kunsillier Dino Bonnici – żgħażagħ u sports

Kunsillier David Abdilla – Ġemellaġġi u International releations, ġonna pubbliċi u street markings and signs

**Is-Segretarju Josianne Cilia Mumford:** Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju
**Is-Sinjura Francesca Camilleri**: Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani
**Is-Sinjura Charmaine Atanasio**: Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi
**Is-Sinjura Maria Briffa Callus**: Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti
**Is-Sinjura Sharon Bartolo**: Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti

## 2.2 Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-31 ta' Diċembru 2018 inżammu tnax –il laqgħa tal-Kunsill li l-attendenza għalihom kienet:

| Isem | Prezenti | Skuzat |
|---|---|---|
| Ignatius Farrugia | 11 | 0 |
| Rita Grima | 11 | 0 |
| Jean Pierre Attard | 6 | 5 |
| Tiffany Farrugia | 11 | 3 |
| Joseph D'Amato | 10 | 1 |
| Pierre Farrugia | 11 | 0 |
| Kenneth Farrugia | 11 | 0 |
| David Abdilla | 11 | 0 |
| Dino Bonnici | 11 | 0 |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Is-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2018 kienet waħda kkaratarizzata minn dawn il-fatturi:

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn id-dħul u l-infiq tas-sena tar-rapport, id-dħul kienet maqsuma hekk:

Is-sena finanzjarja li ser tintemm fil-31 ta' Diċembru, 2018 kienet waħda kkaratarizzata minn dawn il-fatturi:

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn id-dħul u l-infiq tas-sena tar-rapport, id-dħul kienet maqsuma hekk:

90.9 % mingħand il-Gvern Ċentrali
9% mis-sistema tal-infurzar tal-lġi u minn Investimenti u dħul ieħor

Filwaqt li n-nefqa matul l-istess perjodu kienet maqsuma hekk:

17.9 % fl-Onoraria tas-Sindku u s-Salarji tal-Impjegati
63.5% f'xogħlijiet ta' manutenzjoni u amministrazzjoni
18.6% fi proġetti kapitali

L-akbar nefqa ta' manutenzjoni u amministrazzjoni kienet dovuta l-aktar fuq kuntratti ta' tindif u mantenzjoni ta' toroq.
Is-sena finanzjarja ntemmet b'bilanċ favorevoli fil-bank anke meta tqis li għad hemm cheques li mhumiex imsarfin.

## 3.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Il-Kunsill kien impenjat f'dawn ix-xogħlijiet :

- Tiswijiet u manutenzjoni ta' toroq, bankini, lampi, sinjali u marki tat-traffiku u ġodda u playing equipment.
- Saru bankini ġodda fejn kien hemm il-ħtieġa.
- Tindif ta' toroq urbani u qtugħ ta' ħaxix ħażin fit-toroq mhux urbani.
- Il-Kunsill ma ħarigx tender għal xogħol ta' tindif tat-toroq mhux urbani għax l-istess xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-IPSL. B'hekk il-Kunsill franka diversi flus u dawn intnefqu f'affarijiet oħra.
- Inħasslu z-zuntier tal-knisja u xi toroq fil-madwar waqt il-ġranet tal-festi tar-raħal. Tnaddfu ukoll toroq mhux urbani, bl-għajnuna tal-Cleansing Department, immexxija mid-Direttur Ramon Deguara taħt il-Ministeru tal-Onorevoli Owen Bonnici.
- Twaħħlu dog bins fejn kien hemm il-ħtieġa u f'postijiet fejn ma jdejqux lir-residenti.
- Tingħata informazzjoni u għajnuna fuq kull xorta ta' għajnuniet u servizzi soċjali.
- Saru attivitajiet Kulturali għall-persuni b'diżabilta' u l-familjari tagħhom.
- Saru diversi attivitajiet għall-persuni anzjani kemm Malta, kemm Għawdex u kemm Sqallija.
- Inxtra aircondition għas-sala li rrinova l-Kunsilll fl-iskola primarja u din kompliet tintuża biex isiru korsijiet għat tfal taħt it-tliet snin, rehersals tal-orkestra.
- Inxtara apparat ta' sigurta' u siġġijiet għall-librerija taż-Żurrieq.
- F'Jum iż-Żurrieq reġgħet saret il-kompetizzjoni tal-boċċi fil-ġnien tal-Ġibjun.
- Sar ir-raba' kalendarju, li din id-darba esebixxa biċċiet minn pitturi Żrieraq u tqassam wieħed bieb bieb, fiż-Żurrieq kollu.
- Reġgħu saru tliet attivitajiet bil-parteċipazzjoni tal-orkestra taż-Żurrieq – waħda fis-Sajf ġewwa Pedera, waħda f'Ottubru fin-Notte Bianca fil-Valletta 2018 bl-għajnuna tal-Onorevoli Owen Bonnici u l-oħra fi żmien il-Milied fiż-Żurrieq. Inxtraw xi strumenti ġodda biex jintużaw mill-bandisti.
- Tqassmu darbtejn boroż għall-ġbir tal-iskart reċiklat bl-għajnuna tal-Green Pak fost il-ġbir speċjali għall-ħġieġ.
- Tħaddmet is-sistema ta' Eco Wardens u inqabdu diversi kontravenzjonijiet.
- Tkompliet il-kampanja ta' ġbir ta' tappijiet tal-plastik, batteriji u oġġetti elettroniċi żgħar.
- Sar ftehim biex il-kumpanija Green Pak tieħu l-materjal WEEE miż-Żurrieq bla ħlas.
- Saru reċipjenti kbar fin-Nigret, f'Bubaqra, Xarolla u fiċ-ċentru tar-raħal biex jitpoġġew fihom ħwejjeġ nodfa u li jistgħu jerġu jintużaw.
- Sar tindif ta' art fil-post magħruf bħala tax-xewki u għajnuna ta' tindif fi Triq il-Barrieri minn Cleansing Department.
- Il-Kunsill kompla bil-paġna tiegħu tal-face book biex jagħti aktar informazzjoni lir-residenti.

- Rappreżentanza mill-Kunsill – il-Kunsillier David Abdilla rrapreżenta liż-Żurrieq f'Morphou u Moska għal-laqgħa tal-paċi.
- Saret skola sports fis-sajf u fix-xitwa bl-għajnuna taż-Żurrieq Wolves, għal-tfal ta' bejn il-ħames snin u l-ħdax -il sena.
- Il-Kunsill reġa ħallas is-sħubija mad-Dog Trust biex jiġu neutered l-annimali fiż-Żurrieq.
- Saret il-Marathona tal-ġiri bl-għajnuna taz-Zurrieq Wolves.
- Sar tindif tal-culverts kollha fiż-Żurrieq.
- Bl-għajnuna ta' NGO sar tindif ta' Triq Barrieri
- Ingħatat l-injection tal-influwenza lil madwar 900 mitt anzjani 'l fuq minn 55 sena.
- Harġu żewġ Kunsill News biex inżommu lir-residenti infurmati.
- Saru laqgħat biex il-funtanta fi Vjal il-Blue Grotto tinbidel f'waħda aktar sempliċi u moderna.
- Saret attivita ta' tlugħ ta' tajr fil-ġnien tal-Ġibjun.
- Reġgħet saret Festa Hut, li għal din is-sena kienet kollha iffinanzjata mill-Kunsill.
- Saru attivitajiet ta' għoti ta' demm fejn ipparteċipaw numru sostanzjali.
- Twaħħlet id-defibrillator machine mal-uffiċċju tal-Kunsill u ġiet installata tinda għal fuqha biex tipproteġija.
- Saru żewġ korsijiet biex ir-residenti jitgħallmu jħaddmu d-defibrillator u fuq first aid.
- Sar kors fuq il-prattiċi tajbin fil-biedja.
- Attivita ta' qari minn Trevor Zahra, fis-sala tal-iskola.
- Sar culvert kbir fi Triq Wied Babu minn Transport Malta, wara ħafna disskussjonijiet mill-Kunsill. Dan kollu biex jitnaqqas l-inkonvenjent ta' għargħar fil-garaxxijiet tar-residenti.
- Il-Kunsill applika għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja biex isiru bit-tarmak Sqaq No.2 fi Triq Hal Far, Sqaq San Tumas u Triq ta' B'xejn.
- Il-Kunsill applika ukoll għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja biex isir trial walk b'tisbieħ f'toroq fil-kampanja bejn Triq il-Barrieri u Triq il-Wied.
- Bis-saħħa tal-Onorevoli Owen Bonnici, l-Kunsill irnexxielu jirrestawra l-ħitan tal-mitħna tax-Xarolla minn barra.
- L-Onorevoli Julia Farrugia Portelli rregalat librerija żgħira fil-ġnien tal-ġibjun, li intlaqgħet tajjeb ħafna.
- Ġew ordnati lampi ornamentali biex tissebbaħ Triq San Mikiel u twaħħlu fl-aħħar ġimgħat tas-sena.
- Sar restawr tal-monument ta' Mons. Pietru Pawl Saydon u tħawlu pjanti ġodda madwar il-monument tal-Ex Ministru Carmelo Caruna, fl-istess ġnien.
- Ġiet organizzata Solar Cinema event għat-tfal, f'Misraħ Repubblika fiż-Żurrieq, fl-okkażjoni tal-attivitajiet ta' Valletta 2018.

- Tħawlu aktar minn 30 siġra ġdida fi Ġnien il-Ġibjun.
- Saret applikazzjoni biex isiru bus shelters ġodda fejn m'hemmx.
- Saru laqgħat biex issir Triq Wied Ganu bit-tarmak mill-Gvern Ċentrali.
- Saret applikazzjoni biex isiru żewġ zebra crossing fi Triq Inglott u fi Triq Bronja u oħra fi Vjal ix-Xarolla.
- Fix-xahar ta' Ottubru, il-Kunsill reġgħa xegħel madwar il-Mitħna tax-Xarolla bil-kulur roża, biex joħloq għarfien fuq il-kanċer tas-sider.
- Fi żmien il-Milied sar armar fi Vjal il-Blue Grotto – rope light imdawwar ma' kull palma u saret siġra tal-milied f'Misraħ Mattia Preti.
- Saret applikazzjoni biex tiġi installata cctv fejn sar l-out door gym.
- Saret konsultazzjoni mal-Animal Welfare biex isir cat café, b'fondi mill-Animal Welfare. B'hekk jonqos l-inkonvenjent tal-qtates u l-ħmieġ tagħhom fit-toroq.
- Introduċejna ġurnata oħra għall-ġbir ta' skart tal-borża s-sewda u tqassmu r-reċipjenti tal-iskart organiku mill-Kunsill.

## 3.3 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hi magħmula hekk:




Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill jaħdem bi prattiċi tal-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din għandha ssir bl-aħjar mod bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn il-Kunsillieri bħala *policy makers* jmexxu l-pjan ta' ħidma tagħhom, filwaqt li l-amministratturi jesegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibli.

Fil-globalita tagħha, l-organizazzjoni trid tkun aspirata minn rieda ta' ħidma kollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaq minn kull membru li jinsab fiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq u biex b'ekonomija, effiċjenza u effetivita jkollha l-aħjar paragun ta' kost possibli. L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

## 3.4 Kumitat Amministrattiv Bubaqra

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li hu kompost minn ħames membri - Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Sciberras, u l-Membri Joseph D'Amato, Marilyn Sammut u Kevin Sam Farrugia.

Il-Membri flimkien ma' l-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill kienu:

Ic-Chairperson Pierre Farrugia : Proġetti Kapitali

Il-Viċi Chairpeson Maria Schembri: Attivitajiet

Il-Membru Joseph D'Amato : Manutenzjoni tat-Toroq u Bankini

Il-Membru Marilyn Sammut - Żgħażagħ

Il-Membru Kevin Sam Farrugia – Ambjent

**Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra**

Inżammu 12 –il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fis-sena 2018, li l-attendenza għalihom kienet:

| Isem | Prezenti | Skuzat |
|---|---|---|
| Pierre Farrugia | 11 | 0 |
| Maria Schembri | 10 | 1 |
| Joseph D'Amato | 10 | 1 |
| Marilyn Sammut | 9 | 2 |
| Kevin Sam Farrugia | 11 | 0 |

**Hidma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra**

1. Sar il-patching fit-toroq kollha taż-żona.
2. Saru bankini ġodda jew li kellhom bżonn jinbidlu.
3. Refresh tas-sinjali u tabelli tat-traffiku.
4. Ha ħsieb li s-sistema tat-tindif ta' knis mit-toroq tibqa kull nhar ta' Ġimgħa u Sibt..
5. Tisqija tal-pjanti u siġar li hemm fiż-żona ta' Bubaqra.
6. Qtugħ ta' ħaxix mit-toroq mhux urbani.
7. Żdiedu lampi ġodda kull fejn kien meħtieġ.
8. Tqassmet kartolina tal-Milied iffirmata mill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv.
9. Il-Kumitat Amministrattiv għal din is-sena reġgħa ħaseb biex jixgħel id-dawl tal-Milied fl-akwata tal-Knisja.
10. Għal din is-sena minflok sar ir-riċeviment għat-tfal ta' Bubaqra, saret ħarġa fis-cinema tal-Fgura, fejn kien hemm konkorrenza kbira.
11. Tħaddmet is-sistema ta' Eco Wardens.
12. Sar wiċċ ġdid fi Triq Gio Batta Riccio.
13. Saru konsultazzjonijiet mal-perit sabiex il-bankini fi Vjal l-Indipendenza u Triq in-Nigret jitwessu u jkunu aċċessibli għall-persuni li jużaw il-wheelchair.

## 3.5 Konklużjoni

Il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, permezz tal-ħidma mwettqa matul din il-leġislatura, ser ikun qed iħalli mpatt qawwi fuq il-lokalita u r-residenti.

In-nefqa pubblika tal-Kunsill trid tkompli tissoda u twassal biex ikun hemm aktar relazzjoni mal-bżonnijiet tal-lokalita' u li tħalli nvestiment rejali u tanġibbli. L-indafa, l-manutenzjoni tat-toroq u l-manutenzjoni tal-postijiet ta' rikreazzjoni, biex ikunu aktar siguri għat-tfal li jużawhom, għandhom jibqgħu fuq quddiem tal-ħidma tal-Kunsill.

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**
Jannar, 2019

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a<br>BUDGET 2018 (Euro) | b<br>ACTUAL 2018 (Euro) | c<br>BUDGET 2019 (Euro) | c-a<br>VAR BUD-BUD (Euro) | c-b<br>VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 800,023.00 | 793,459.01 | 838,120.00 | 38,097.00 | 44,660.99 |
| 0002 | Supplementary | | | | 0.00 | 0.00 |
| 0003 | Special needs | | | | 0.00 | 0.00 |
| 0004 | Public/government entities | | | | | |
| 0015 | Other | 5,000.00 | 26,471.50 | 5,000.00 | 0.00 | (21,471.50) |
| | | **805,023.00** | **819,930.51** | **843,120.00** | **38,097.00** | **23,189.49** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community Services | 20,000.00 | 45,853.00 | 20,000.00 | 0.00 | (25,853.00) |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 27,000.00 | 32,624.00 | 35,000.00 | 8,000.00 | 2,376.00 |
| 0056 | Contributions and donations | | | | 0.00 | 0.00 |
| 110 | Donations Receivable | | | | | |
| 0066 | General | 20,000.00 | 3,291.00 | 3,000.00 | (17,000.00) | (291.00) |
| | | **67,000.00** | **81,768.00** | **58,000.00** | **(9,000.00)** | **(23,768.00)** |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | 200.00 | 72.00 | 70.00 | (130.00) | (2.00) |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| | | **200.00** | **72.00** | **70.00** | **(130.00)** | **(2.00)** |
| 0100 | General | | | | | |
| 0110 | Donations | | | | 0.00 | 0.00 |
| 0140 | Insurance Claims | | | | 0.00 | 0.00 |
| 0260 | Accrued Income receivable (Grants) | 28,600.00 | | 328,202.00 | 299,602.00 | 328,202.00 |
| | | **28,600.00** | | **328,202.00** | **299,602.00** | **328,202.00** |
| | **TOTAL** | **900,823.00** | **901,770.51** | **1,229,392.00** | **328,569.00** | **327,621.49** |

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2018 (Euro) | ACTUAL 2018 (Euro) | BUDGET 2019 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 11,196.00 | 12,797.76 | 12,797.00 | 1,601.00 | (0.76) |
| 1200 | Employee salaries and wages | 94,000.00 | 49,451.93 | 95,170.00 | 1,170.00 | 45,718.07 |
| 1300 | Bonuses | 7,836.00 | 34,057.08 | 7,923.00 | 87.00 | (26,134.08) |
| 1400 | Income supplements | 1,030.00 | 4,894.67 | 999.00 | (31.00) | (3,895.67) |
| 1500 | Social Security contributions | 7,543.00 | 8,079.21 | 8,505.00 | 962.00 | 425.79 |
| 1600 | Allowances | 11,200.00 | 9,600.00 | 9,600.00 | (1,600.00) | 0.00 |
| 1700 | Overtime | 1,500.00 | 1,535.25 | 200.00 | (1,300.00) | (1,335.25) |
| | | **134,305.00** | **120,415.90** | **135,194.00** | **889.00** | **14,778.10** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 12,000.00 | 11,386.00 | 12,000.00 | 0.00 | 614.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 4,000.00 | 840.00 | 3,000.00 | (1,000.00) | 2,160.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 118,500.00 | 99,366.15 | 127,000.00 | 8,500.00 | 27,633.85 |
| 2400 | Rent | 2,800.00 | 2,981.75 | 3,000.00 | 200.00 | 18.25 |
| 2500 | International memberships | 700.00 | 762.00 | 800.00 | 100.00 | 38.00 |
| 2600 | Office services | 4,500.00 | 5,402.00 | 5,000.00 | 500.00 | (402.00) |
| 2700 | Transport | 1,900.00 | 1,354.00 | 1,900.00 | 0.00 | 546.00 |
| 2800 | Gemellaggi | 3,700.00 | 169.00 | 3,700.00 | 0.00 | 3,531.00 |
| 2900 | Information services | 7,000.00 | 6,443.00 | 7,000.00 | 0.00 | 557.00 |
| 3000 | Contractual services | 225,200.00 | 216,356.26 | 256,686.00 | 31,486.00 | 40,329.74 |
| 3100 | Professional services | 32,000.00 | 13,393.93 | 35,000.00 | 3,000.00 | 21,606.07 |
| 3200 | Training | | | | 0.00 | 0.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 40,000.00 | 68,844.00 | 35,000.00 | (5,000.00) | (33,844.00) |
| 3400 | Incidental expenses | | | | | 0.00 |
| 3600 | LES Enforcement | 200.00 | 20.53 | 1,000.00 | 800.00 | 979.47 |
| 8000 | Depreciation | | | | | 0.00 |
| | | **452,500.00** | **427,318.62** | **491,086.00** | **38,586.00** | **63,767.38** |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | | | | | |
| 7200 | Improvements | 8,000.00 | 10,387.00 | 14,100.00 | 6,100.00 | 3,713.00 |
| 7300 | Equipment | 7,000.00 | 6,114.50 | 5,000.00 | (2,000.00) | (1,114.50) |
| 7500 | Special programmes | 170266.00 | 108652.00 | 529901.00 | 359,635.00 | 421,249.00 |
| | | **185,266.00** | **125,153.50** | **549,001.00** | **363,735.00** | **423,847.50** |
| | **TOTAL** | **772,071.00** | **672,888.02** | **1,175,281.00** | **403,210.00** | **502,392.98** |

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2018 (Euro) | ACTUAL 2018 (Euro) | BUDGET 2019 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | 805,023.00 | 819,930.51 | 843,120.00 | 38,097.00 | 23,189.49 |
| 0020 | Bye-laws | 67,000.00 | 81,768.00 | 58,000.00 | (9,000.00) | (23,768.00) |
| 0090 | Investment | 200.00 | 72.00 | 70.00 | (130.00) | (2.00) |
| 0100 | General | 28,600.00 | | 328,202.00 | 299,602.00 | 328,202.00 |
| | TOTAL | **900,823.00** | **901,770.51** | **1,229,392.00** | **328,569.00** | **327,621.49** |
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 134,305.00 | 120,415.90 | 135,194.00 | 889.00 | 14,778.10 |
| 2000 | Operations and maintenance | 452,500.00 | 427,318.62 | 491,086.00 | 38,586.00 | 63,767.38 |
| 7000 | Capital Expenditure | 185,266.00 | 125,153.50 | 549,001.00 | 363,735.00 | 423,847.50 |
| | TOTAL | **772,071.00** | **672,888.02** | **1,175,281.00** | **403,210.00** | **502,392.98** |
| | **Balance** | **128,752.00** | **228,882.49** | **54,111.00** | **(74,641.00)** | **(174,771.49)** |

Dawn il-figuri inhadmu sal-ahhar gurnata ta' Ottubru 2018

### 5.1.1 Kont tas-Savings – HSBC – 78057692050

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 66,728.73 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-30 ta' Novembru, 2017 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 66,728.73 |

### 5.1.2 Kont tas-Savings – BOV – 17905262020

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 8,547.41 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-30 ta' Novembru, 2017 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 8,547.41 |

### 5.1.4 Kont Savings BOV – Measure 313 40019290476

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 344.78 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-30 ta' Novembru, 2017 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 344.78 |

### 5.1.5 kont Savings BOV – Measure 323 40019290463

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 11,058.36 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-30 ta' Novembru, 2017 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 11,058.36 |

### 5.1.6 kont Savings HSBC MITHNA 78057692051

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 39,402.02 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-30 ta' Novembru, 2017 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 39,402.02 |

### 5.2.2 Kont Kurrenti – BOV – 17905262017

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 249,754.09 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-30 ta' Novembru, 2017 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 249,754.09 |

### 5.3 Kontijiet Fissi

### 5.3.1 Kont Fiss – BOV – 40018197570

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 103,000 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-30 ta' Novembru, 2017 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | 103,000 |

### 5.4.kont Kurrenti Kumitat Amministrattiv Bubaqra – HSBC – 78057692002

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | 155,592.71 |
| Għodd id-depożiti li saru sal-30 ta' Novembru, 2017 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **155,592.11** |
| | |

### 5.4.4kont Kurrenti Measure 125

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **6.85** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-30 ta' Novembru, 2017 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **6.85** |
| | |

### Petty Cash Account

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni** | |
| Għodd id-depożiti li saru sal-30 ta' Novembru, 2017 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni<br><br>Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni | |
| **Bilanċ Nett** | **153.17** |
| | |

Josianne Cilia Mumford
Segretarju Eżekuttiv

## 6.1 Rapport tal-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji

Fil-pagni segwenti jinstabu *r-rapport ta' l-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji.*